

FTEHIM AKP-UE TA' COTONOU

**ORGANIZZAZZJONI TAL-ISTATI
AFRIKANI, TAL-KARIBEW U TAL-
PAĊIFIKU**

**KUNSILL
TAL-UNJONI EWROPEA**

**Brussell, 30 ta' Ġunju 2023
(OR. en)**

ACP/21/002/23

ACP-UE 2101/23

ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: Deċiżjoni Nru 1/2023 tal-Kumitat tal-Ambaxxaturi AKP-UE tat-30 ta' Ġunju 2023 biex tiġi emendata d-Deċiżjoni Nru 3/2019 tal-Kumitat tal-Ambaxxaturi AKP-UE biex jiġu adottati miżuri tranżizzjonali skont l-Artikolu 95(4) tal-Ftehim ta' Sħubija AKP-UE

DEĊIŻJONI Nru 1/2023
TAL-KUMITAT TAL-AMBAXXATURI AKP- UE

tat-30 ta' Ġunju 2023

biex tiġi emendata d-Deċiżjoni Nru 3/2019 tal-Komitat tal-Ambaxxaturi AKP- UE
biex jiġu adottati miżuri tranżizzjonali skont l-Artikolu 95(4)
tal-Ftehim ta' Sħubija AKP- UE

IL-KUMITAT TAL-AMBAXXATURI AKP-UE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim ta' Sħubija bejn il-membri tal-Grupp tal-Istati Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku, minn naħa waħda, u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 15(4) u l-Artikolu 16(2) flimkien mal-Artikolu 95(4) tiegħu,

¹ ĠU L 317, 15.12.2000, p. 3. Il-Ftehim ta' Sħubija AKP-UE kien emendat mill-Ftehim iffirmit fil-Lussemburgu fil-25 ta' Ġunju 2005 (ĠU L 209, 11.8.2005, p. 27) u mill-Ftehim iffirmit f'Ouagadougou fit-22 ta' Ġunju 2010 (ĠU L 287, 4.11.2010, p. 3).

Billi:

- (1) Il-Ftehim ta' Sħubija bejn il-membri tal-grupp tal-Istati Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku, minn naħa waħda, u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra ("Il-Ftehim ta' Sħubija AKP-UE") ġie ffirmat f'Cotonou fit-23 ta' Ġunju 2000 u daħal fis-seħħ fl-1 ta' April 2003. F'konformità mad-Deċiżjoni Nru 3/2019 tal-Kumitat tal-Ambaxxaturi AKP-UE² ("id-deċiżjoni dwar miżuri tranżizzjonali"), huwa għandu jiġi applikat sat-30 ta' Ġunju 2023.
- (2) Skont l-Artikolu 95(4), l-ewwel subparagrafu, tal-Ftehim ta' Sħubija AKP-UE, in-negozjati għal Ftehim ta' Sħubija AKP-UE ġdid (il-Ftehim il-ġdid') tnedew f'Settembru 2018. Il-Ftehim il-ġdid mhux ser ikun lest biex jiġi applikat sat-30 ta' Ġunju 2023, id-data tal-iskadenza tal-qafas legali attwali. Għaldaqstant huwa neċessarju li tiġi emendata d-deċiżjoni dwar miżuri tranżizzjonali biex tiġi estiża ulterjorment l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Ftehim ta' Sħubija AKP-UE.
- (3) L-Artikolu 95(4), it-tieni subparagrafu, tal-Ftehim ta' Sħubija AKP-UE jipprevedi li l-Kunsill tal-Ministri AKP-UE jadotta kwalunkwe miżura tranżizzjonali li tista' tkun meħtieġa sakemm il-Ftehim il-ġdid jidħol fis-seħħ.

² Deċiżjoni Nru 3/2019 tal-Kumitat tal-Ambaxxaturi AKP-UE tas-17 ta' Diċembru 2019 li tadotta miżuri tranżizzjonali skont l-Artikolu 95(4) tal-Ftehim ta' Sħubija AKP-UE (ĠU L 1, 3.1.2020, p. 3).

- (4) Skont l-Artikolu 15(4) tal-Ftehim ta' Sħubija AKP-UE, fit-23 ta' Mejju 2019, il-Kunsill tal-Ministri AKP-UE ddelega s-setgħat ta' adozzjoni tal-miżuri tranżizzjonali lill-Kumitat tal-Ambaxxaturi AKP-UE³.
- (5) Huwa għalhekk xieraq li l-Kumitat tal-Ambaxxaturi AKP-UE jadotta deċiżjoni, skont l-Artikolu 95(4) tal-Ftehim ta' Sħubija AKP-UE, biex jemenda d-deċiżjoni dwar miżuri tranżizzjonali sabiex tiġi estiża l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Ftehim ta' Sħubija AKP-UE sal-31 ta' Ottubru 2023, jew sad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim il-ġdid jew l-applikazzjoni proviżorja bejn l-Unjoni u l-Istati AKP tal-Ftehim il-ġdid, skont liema tiġi l-ewwel.
- (6) Id-dispożizzjonijiet tal-Ftehim ta' Sħubija AKP-UE ser jibqgħu jiġu applikati bil-għan li tinżamm il-kontinwità fir-relazzjonijiet bejn l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u l-Istati AKP, min-naħa l-oħra. Għaldaqstant, il-miżuri tranżizzjonali emendati mhumix maħsuba bħala emendi għall-Ftehim ta' Sħubija AKP-UE kif previst fl-Artikolu 95(3) tiegħu,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

³ Deċiżjoni Nru 1/2019 tal-Kunsill tal-Ministri AKP-UE tat-23 ta' Mejju 2019 dwar id-delegat tas-setgħat lill-Kumitat tal-Ambaxxaturi AKP-UE dwar id-deċiżjoni li jiġu adottati miżuri tranżizzjonali skont l-Artikolu 95(4) tal-Ftehim ta' Sħubija AKP-UE (ĠU L 146, 5.6.2019, p. 114).

Artikolu 1

Fl-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni Nru 3/2019 tal-Kumitat tal-Ambaxxaturi AKP-UE, id-data "30 ta' Ġunju 2023" għandha tiġi sostitwita bid-data "31 ta' Ottubru 2023".

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-1 ta' Lulju 2023.

Magħmul fi Brussell, 30 ta' Ġunju 2023

Għall-Kunsill tal-Ministri AKP-UE

Mill-Kumitat tal-Ambaxxaturi AKP-UE

Il-President

Sutiawan GUNESSEE